# Qorti Civili – Prim'Awla

# Onor. Imħallef Grazio Mercieca LL.D.

*Mandat numru; 443/2020/1GM*

*Spiteri Kenneth*

*versus*

*Vodafone Malta Ltd*

Il-Qorti;

Reġgħet rat ir-rikors;

Rat ir-risposta;

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent u ta' rappreżentant tas-soċjeta intimata waqt l-udjenza tal-11/5/2020;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti ta' dan ir-rikors;

Ikkunsidrat:

Illi dak li qiegħed jiġi mitlub – illi l-impieg tar-rikorrent ma jintemmx – diġa seħħ kif jirriżulta mill-ittra Dok KS-1 esebita a fol 6 tal-proċess mir-rikorrent innifsu u għalhekk dan ir-rikors ma jistax jintlaqa' għax il-Qorti ma tistax iżżomm milli ssir ħaġa li saret diġa;

Illi fi kwalunkwe każ it-talba tar-rikorrent hi bbażata fuq il-premessa ta' "mass redundancies" li huwa ma ġabx l-iċken prova tagħha apparti li din ġiet miċħuda mis-soċjeta intimata; u għalhekk mhux il-każ ta' proċedura appożita rikjesta mil-liġi li ma ġietx imħarsa;

Billi l-mandati kawtelatorji huma aġġettivali u ċioe dipendenti minn dritt sostantiv li huma mmirati biex iħarsu. Fil-każ ta' kariga amministrattiva jew eżekuttiva m'hemmx dritt li l-impjegat jibqa' fl-impieg f'każ ta' tkeċċija inġusta, ex-Art 81(1) proviso (Kap 452) u għalhekk il-Qorti ma tistax tikkawtela kontinwazzjoni fl-impieg meta tali kontinwazzjoni mhix mogħtija mid-dritt sostantiv.

Għal dawn il-motivi tirrevoka contrario imperio d-digriet tagħha tas-27/4/2020; u tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni;

Spejjeż a karigu tar-rikorrent.

Mogħti kameralment illum, 14 ta' Mejju, 2020

Onor. Imħallef Grazio Mercieca